FOCUS

Pakkett għall-klima: L-Ewropa tħejji passi leġislativi għall-klima

Jekk qatt sa nkunu nistgħu nilħqu t-targits kontra d-dħaħen sabiex intaffu l-bidla fil-klima, allura l-Ewropa tistipula li hemm bżonn ta' regoli madwar l-Ewropa.

Il-pakkett jinkludi passi sabiex jitnaqqsu d-dħaħen mill-karozzi kif ukoll sistema ta' magażinaġġ tal-dijossidu karboniku. Dawn is-serje ta' artikli jħarsu lejn aspetti diversi tal-pakkett għall-bidla fil-klima.

Il-ġimgħa d-dieħla fl-4 ta' Diċembru l-Membri se jiltaqgħu mal-Kunsill sabiex jiddiskutu l-miżuri imbagħad iktar tard bejn il-15 u t-18 ta' Diċembru se jivvotaw fuq serje ta' rapporti li jittrattaw il-punti harn taħt. Dan kollu jsir wara s-summit deċisiv bejn il-Kapijiet ta' l-Istati bejn il-11 u t-12 ta' Diċembru.

- Il-pakkett prinċipali jitratta:
- il-produzzjoni ta' l-enerġija rinovattiva
- il-qbid u l-magażinaġġ tad-dijossidu karboniku
- id-dħaħen u l-karozzi
- ir-reviżjoni ta' l-iskema Ewropea għall-kwoti tad-dħaħen
- tnaqqis tad-dħaħen

Servizz ta' l-Istampa
Direttorat għall-Mezzi tax-Xandir
Direttur - Spokesperson : Jaume DUCH GUILLOT

Leġislazzjoni għall-bidla fil-klima 2020: Sekwenza 1 – enerġija rinovabbli

Ix-xemx, ir-riħ u s-sħana ġeometrika huma sorsi ta' enerġija li probabbli qatt mhu se jispiċċaw fit-tul taż-żmien qasir. Huma lanqas ma huma ħatja li jipproduċu polluzzjoni. Il-Membri minn gruppi politiċi diversi appoġġaw rapport nhar il-11 ta' Settembru li talab sabiex dawn il-proposti jiġu inklusi fid-direttiva proposta. Il-proposta tal-Kummissjoni timmira li tippromwovi enerġiji rinovabbli sabiex dawn jiffurmaw 20% tal-konsum ta' l-enerġija madwar l-Unjoni sa 2020. L-ewwel artiklu fis-serja tagħna rigward l-Unjoni Ewropea u l-iskopijiet tagħha għall-ħidma kontra l-bidla fil-klima se tiffoka fuq l-enerġija rinovattiva.

Ir-rapport talab li sa 2020 10% tal-fjuwil użat fit-trasport ikun rinovabbli u li mill-inqas 40% ta' dan joriġina minn biofjuwils, elettriku u idroġenu.

Reklutaġġ ta' l-Istati Membri:

L-abbozz tad-direttiva tipproponi li l-Istati Membri jippreżentaw pjanijiet nazzjonali ta' azzjoni sabiex jippermettu iktar monitoraġġ u trasparenza rigward il-progress tat-targits li għandhom jintlaħqu.

Għal Turmes it-targits nazzjonali ġew definiti tajjeb għal kull wieħed mis-27 Stat Membru. Madankollu "il-PE għandu joqgħod attent li ms jsirux rappreżentant ta' interessi nazzjonali- irridu niddefendu l-interessi Ewropej."

Enerġija rinovabbli: x'hiex u għaliex?
L-enerġija rinovattiva tuża riżorsi naturali li jirriornu ruħhom naturalment bħax-xemx, ir-riħ, ix-xita, is-sħana u l-ilma. Skond statistiċi jidher li fl-UE il-parti ta' l-enerġija rinovabbli fis-suq Ewropew tifforma 0% f' Malta sa 39% fl-Isvezja. Il-medja Ewropea hija ta' 8.5%.

20% ta' enerġija rinovabbli tista' tiffranka 600 sa 900 miljun ton ta' dħaħen ta' polluzzjoni fis-sena u tnaqqas il-konsum ta' fjuwils karboniċi minn 300 sa 200 miljun ton fis-sena. Din il-figura tissarraf ukoll f'miljuni ta' impjiegi f'din l-industrija sa 2020.

"Objettiva tajba iżda dgħjufijiet fid-dokument!"
Hekk stqarr Turmes, ir-rapporteur magħżul mill-Kumitat għall-Industrija, li se jmexxi x-xogħol tal-Parlament fuq din id-direttiva.

Turmes mill-grupp tal-Ħodor fil-PE u mil-Lussemburgu stqarr li "l-objettiva ta' 20 % sejra fid-direzzjoni t-tajba." Sadattant jara problemi fit-twaqqif ta' sistemi ta' "garanzija fuq l-oriġini" ta' l-enerġija, li skond hu "ibbażata fuq bażi legali debboli." Hu kompla jistipula li "d-dokument jipperikola sistemi eżistenti ta' skemi nazzjonali għall-enerġija rinovabbli" għaliex "hemm bżonn li niżviluppaw dokument li jagħti s-sigurtà għall-investiment fl-enerġija rinovabbli."
Paradoss rigward il-biofjuwils
Turmes ikkritika 'l Kummissjoni talli ma waqqgħetx it-targit ta' 10% rigward il-biofjuwils fit-trasport sa 2020. Dan għaliex studji juru li l-biofjuwils mhumiex aqshekk effiċenti u favur l-ambjent daqskemm wieħed jaħseb. Fil-fatt kompla Turmes Iżda madankollu Turmes stqarr "il-Parlament se jkollu dan il-kuraġġ." Hu kompla jgħid li ż-żerriegħa tal-qamħ u taz-zokkor għandhom kwantità żbilanċjata ta' dijossidu karboniku.
"Il-biomass li għandna fl-Ewropa tintuża iktar utilment f'sistemi kkombinati ta' sħana u saħħa." F'komparagun mal-biofjuwils "nista' nsalva minn tliet għal erba' darbiet iktar dijossidu karbonika meta nuża l-biomass minflok il-faħam għall-elettriku u l-ġenerazzjoni tas-sħana."

Frażi tal-ġurnata

"L-aħjar enerġija hija dik li m'għandniex bżonn.": Turmes stqarr dan minħabba li jara potenzjal kbir fit-tnaqqis tal-volum ta' l-enerġija ikkunsmata.

Claude Turmes dwar Turmes

Turmes twieled fl-1960 fil-Lussemburgu. Sar għalliem ta' l-isports u daħal fil-politika permezz ta' l-interess tiegħu fl-ambjent. Ħareġ għall-partit tal-Ħodor tal-Lussemburgu “Déi Gréng”fl-elezzjonijiet tal-PE fl-1999 sabiex jieħu sehem fid-diskussjonijiet "hemm, fejn l-ambjent Ewropew u l-politika ta' l-enerġija huma formulati." Għalih il-PE huwa l-post "fejn,"jgħid jista' jagħmel kontribuzzjoni "għal dinja ġusta u paċifika, dinja fil-paċi ma' l-ambjent tagħha." Illum Viċi-President tal-Ħodor u kordinatur għalihom għall-politika ta' l-enerġija.

Leġislazzjoni għall-bidla fil-klima 2020: S.2 – magażinaġġ ta' l-enerġija

F'Jannar li għaddha l-Kummissjoni Ewropea ppreżżentat pakkett bi proposta ta' leġislazzjoni inkluż Direttiva biex tirregola t-teknoloġija li qed tikber rigward il-qbid u l-magażinaġġ tad-dijossidu karboniku. Ir-rapporteur tal-Parlament, il-Liberali Chris Davies, jixtieq juża d-Direttiva biex jagħti sinjal 'l quddiem sabiex isir obbligatorju għall-pjanti li jaħdmu bil-kombustibbli. Ir-rapport ġie adottat fil-Kumitat nhar is-7 ta' Ottubru.
Il-qbid u l-magazinaġġ tad-dijossidu karboniku (CCS bl-Ingliż) huwa kunċett li jimmira li jimpedixxi lid-dijossidu karboniku li joħroġ mill-kombustibbli, speċjalment mill-faħam, fil-ġenerazzjoni ta' l-enerġija u matul proċessi industrijali u mjur fl-arja.

It-teknoloġija diġà teżisti fuq skala baxxa u sempliċi, "immatura" fi kliem Chris Davies, ALDE, UK); filwaqt li hemm pjanti ta' livell ta' speriment fin-Norveġjka, fil-Kanada u fl-Alġerija.

Minħabba li d-dijossidu karboniku huwa wieħed mil-gassijiet l-iktar importanti bl-effett ta' serra il-Bord Internazzjonali għall-Bidla fil-Klima (IPCC) iqis li l-magazinaġġ tad-dħaħen tul is-snin li ġejjin huwa wieħed mill-mezzi biex titnaqqas il-bidla fil-klima. L-IPCC iqis li din jista' jikkonstribwixxi fil-fatt għal tnaqqis ta' bejn 15 u 55% tad-dħaħen sa 2100.

Kif jistgħu jaħdmu l-affarijiet fil-prattika?

Il-Qbid:

Hemm tliet teknoloġiji differenti għall-qbid tad-dijossidu karboniku b'effiċenza, spiża u livelli ta' żvilupp differenti: is-sitema ta' qabel il-ħruq; ta' wara l-ħruq u l-oxyfuel.

-Fil-fażi ta' qabel il-ħruq il-fjuwil jinbidel f'gass u jiġi sseparat f'dijossidu karboniku u f'idroġena.
-Dan ta' l-aħħar imbagħad jinbidel fi fjuwil. Fil-fażi ta' wara l-ħruq id-dijossidu karboniku jiġi mneħħi permezz ta' filter u b'mod kimiku.
-Fis-sistema “Oxyfuel” il-kombustibbli jiġi maħruq f'ossiġinu pur milli fl-arja naturali u r-riżultat jagħti livelli ta' dijossidu karboniku konċentrati.

Il-magażinaġġ:

Wara li jinqabad id-dijossidu karboniku jiġi trasportat permezz ta' pajp jew vapur lejn post għal magazinaġġ. Dan jista' jitpoġġa fil-blat mill-inqas 800 m taħt l-art. .

Riskji u Problemi

Il-qbid u l-magażinaġġ tad-dijossidu jista' jżid l-ispejjież għall-użu tal-kombustibbli. Skond Davies: “hemm bżonn ta' ekwipaġġ biex jissepara d-dħaħen, irid jinbena l-infratruttura għat-trasport jew il-postijiet adattati għall-magażinaġġ inkella l-ħjut fejn jiġi injettat id-duħħan.

Ma dan inżidu li biex ikun hemm qbid irid ikun hemm ukoll ċerta ħela ta' l-enerġija.

Dan jista' jikkrea riskju ta' likiġ li jista' jkun ta' theddida għas-saħħa ta' l-annimali u l-bnedmin. Madankollu jistqarr Chris Davies li CO2 huwa gass li jiġi kreat naturalment u għalhekk jista' jiġi maġazinat naturalment. Skond l-IPCC il-qbid u l-magażinaġġ tad-dijossidu karboniku jkun inqas ta' theddida milli l-użu tal-gass fid-djar.

Ir-rapport jistipula...

- li l-power stations mibnija minn 2015 'l quddiem għandhom ikollhom din it-teknoloġija mibnija ġewwa.
- "Il-klawżola Schwarzenegger" li ddaħħal kunċett ta' "standard għad-dħaħen" għall-power stations il-ġodda b'kapaċità ta' iktar minn 300 Mega Watts.

- li l-operatur għandu jibqa' responsabbli għal sit li jkun ġie magħluq għal sa 50 sena wara.

Davies dwar Davies

Davies għandu 54-il sena u jiġi mill-parti ta' fuq ta' l-Ingilterra, bi sfond fil-politika lokali u l-marketing. Hu kien elett għall-ewwel darba fil-Parlament Ewropew fl-1999. Il-programmi tat-televiżjoni ta' l-epoka bdew jiżdiedu rigward il-polluzzjoni u l-problemi tat-tiżdied fil-populazzjoni fis-snin sebgħin. Dawn kienu l-ispirazzjoni ta' l-impenn politiku tiegħu. Jgħid "nixtieq inħalli d-dinja fi stat aħjar", anke jekk it-tendenza attwali tista' tfisser iktar "ħolma bla frott."

Ir-rapport jitratta l-qbid u l-magażinaġġ tad-djossidu karboniku
- Vot fil-Plenarja: Diċembru

Leġislazzjoni għall-Bidla fil-klima S.3: Lejn karozzi b'inqas emissjonijiet

F'Jannar li għaddha l-Kummissjoni Ewropew għamlet serje ta' proposti leġislattivi bl-iskop li jitnaqqsu d-dħaħen tad-dijossidu karboniku b'20% sas-sena 2020 fl-Unjoni. L-UE, sabiex tittrasforma l-ekonomija tagħha għal waħda effiċenti fl-enerġija u f'inqas dħaħen, qed tipprepara li twaqqaf livell massimu ta' dħaħen għal karozzi ġodda minn 2012 'il quddiem.

It-trasport permezz tat-triq jikkrea t-tieni l-ikbar ammont tad-dħaħen fl-Unjoni, iġifieri 1/5 tad-dħaħen kollha CO2. Il-karozzi tal-passiġġiera jgħoddu għal 12% tad-dħaħen CO2 kollha fl-UE. B'numru ta' karozzi ta' madwar 220 miljun fit-toroq Ewropej u l-użu tagħhom li jammonta għal 12% tad-dħaħen fl-UE, it-twaqqif ta' standards ta' rendiment għall-karozzi ġodda tal-passiġġieri sar kruċjali. Huwa għal dan li l-UE qabblet li mill-2012 'l quddiem id-dħaħen mill-karozzi tal-passiġġiera ma jaqbżux 120g CO2/km. Għalkemm sar progress kbir fl-effiċenza tal-fjuwil, it-teknoloġija tal-karrozzi m'avvansatx biżżejjed s'issa biex tinnewtralizza l-effetti taż-żieda fil-volumi tat-traffiku u d-daqs tal-karozzi. Ftehim volontarju fl-industrija tal-karozzi lanqas ma wassal għat-tnaqqis neċessarju tad-dħaħen.

L-UE irrealiżżat li mhux se tasal għat-targit tagħha sakemm ma jkunx hemm miżuri iktar li jorbtu.

X'jistipula r-rapport?

Il-Kumitat għall-ambjent appoġġa t-targit tal-Kummissjoni għal medja ta' 120 grammi ta' dħaħen mid-dijossidu karboniku għall-industrija tal-karozzi kollha sa 2012. Sadattant il-Membri irrifjutaw proposti għal miżuri tranżitorji għall-industrja tal-karozzi sa 2015. Minn 2012 'l quddiem manifatturi tal-karozzi jkunu jridu jħallsu ċitazzjonijiet għal kull gramma li taqbez l-ammont stipulat. Il-Membri qabblu mal-Kummissjoni sabiex tħalli manufatturi żgħar tal-karozzi li jipproduċu inqas minn 10,000 karozza kull sena biex ikunu eżenti minn targits speċifiċi. Iżda l-kumitat jagħti ċans lill-manifatturi ta' karozzi li jipproduċu bejn 10,000 u 300,000 karozza ġdida kull sena li japplikaw għal targits alternattiv biex inaqqsu d-dħaħen u dan ikun ta' tnaqqis bi 25% ikkumparat mal-livelli ta' 2006.

X'jiġri jekk wieħed ma jikkonformax?

Il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea tipprovdi għal sistema ta' pieni fil-każ li l-produtturi ma jilħqux it-targits. Skond Sacconi "dan mhux każ ta' taxxa, iżda dwar inċentiva b'saħħitha biex tkabbar l-investiment."

U l-prezzijiet tal-karozzi?

L-iskop kollu huwa biex ikbarra il-kuxjenza tal-konsumaturi. Apparti t-tabella u d-dħaħen tal-karozzi l-ġodda, d-dokument qed jara' kif jista' jiġi promoss il-bejgħ ta' karozzi effiċenti fl-użu tal-fjuwil.

Il-Kummissjoni temmen li iktar mat-targits ikunu stretti iktar dan se jgħolli l-prezzijiet - sa 6%. Iżda żgur li t-targit obbligatorju sa 2012 se jistimula r-riċerka u l-iżvilupp u jsaħħaħ il-kompetizzjoni ta' l-industrija tal-karozzi. .

Sacconi dwar Sacconi

Guido Sacconi, twieled fl-1948 u sar Membru tal-PE fl-1999. Huwa sar Viċi-Kap tal-Kumitat għall-Ambjent fl-ewwel term tiegħu. Meta ġie re-elette fl-2004 sar Kap tal-Kumitat għall-Klima u jixtieq jikkunsidra li l-iktar sfida għalih hi li juri "li wara REACH li l-kunċett ta' l-iżvilupp sostenibbli mhujiex vojt. Fil-ġlieda kontra l-klima, ir-rekonċiljazzjoni ta' ambjent, il-kompetittività u l-impjieq huwa ovvjament neċessarju. Irridu nikkonfermaw li dan possibbli."

Xi jmiss

Il-kumitat għall-Ambjent mistenni jivvota fuq ir-rapport dwar il-karozzi l-ġodda ta' Sacconi f'Settembru, wara li jsiru negozjati mal-Kunsill. Il-mira hi li jkun hemm qbil sa l-aħħar tas-sena.

Dijossidu karboniku u karozzi- rapport fuq regolament li jippromponi li jwaqqaf standards rigward id-dħaħen mill-karozzi, rapport minn Guido Sacconi (PES, IT)

Il-pakkett għall-Klima 2020: l-iskema ta' skambji fit-3 fażi

X'se jkun il-futur tas-sistema ta' skambji tad-dħaħen Ewropej (ETS), pedament ta' l-isforzi Ewropej biex jinqatgħu d-dħaħen? F'Jannar il-Kummissjoni Ewropea pproponiet li testendi s-sistema għal iktar setturi u dħaħen. Avril Doyle taqbel ma' dan iżda l-abbozz ta' rapport jitlob għal xi ftit aġġustament, sabiex tagħti lill-industrija iktar klarifikazzjoni ta' kif is-sistema eżattament se tiffunzjona wara 2012.
Ir-rapport tagħha ġie adottat fil-Kumitat nhar is-7 t'Ottubru.

Limitu u kummerċ

S'issa s-sistema ta' skambji tad-dħaħen (EU Emission Trading System (ETS), li se tiġi elaborata mill-Istati Membri u approvata mill-Kummissjoni sabiex tiddefinixxi l-massimu ta' kemm il-dħaħen kull pajjiż jista' jitfa' msejħa "caps”. Jekk kumpaniji jdaħħdnu iktar mill-ammont li jixtru huma jridu jixtru iktar permessi. Jekk idaħħnu inqas,huma jistgħu ibigħu l-konċessjonijiet tagħhom, msejħa 'kummerċ', “trade”. Dan jispjega l-kunċett ta' limiti u ta' kummerċ fl-istess ħin.

Tliet fażijiet

Is-sistema ta' skambju bdiet tiffunzjoni fl-2005 bl-ewwel fażi li damet sa l-aħħar ta' 2007 u t-tieni fażi minn 2008 sa 2012. It-tielet fażi għandha ddum minn 2013 sa 2020.

Sadattant Ir-rapport jistipula t-tnaqqis tad-dħaħen mis-setturi industrijali bi 21% mill-2005 'l quddiem sa 2020. Għandhom jieqfu bil-mod il-mod il-permessi għal dħaħen illimitati iżda tidħol is-sistema ta' rkant sa 2013 u anke jinbigħu inqas permessi għad-dħaħen.85% tad-dħaħen għas-settur tal-manufattura għandu jkun mogħti b'xejn fl-2013 u jinżel sa 0% fl-2020. Id-dħul mill-irkant għandu jiġi użat għal miżuri ta' protezzjoni għall-klima. Ir-rapport fl-aħħar jinsisti sabiex it-tbaħħir ukoll jiġi inkluż fis-sistema ta' skambju sa 2013.

Doyle dwar Doyle: Il-qasam ambjentali huwa familjari ħafna għal Avril Doyle MEP li twieldet fl-1949 f'Dublin. Hi studjat il-biokimika. Kemm in-nannu u n-nanna tagħha kienu deputati nazzjonali u hi stess saret sindku ta' Wexford Town ħdejn Dublin fl-età ta' 27 sena. Fis-snin 80 u 90 kienet Membru tal-Parlament taż-żewġt ikmamar u kienet Ministru darbtejn, qabel ma ġiet eletta għall-Parlament Ewropew fl-1999. Doyle hija viċi-kap tal-Kumitat FISH u membru tal-Kumitat ENVI u CLIM.

{}

Reviżjoni ta' l-iskema Ewropea ta' tpartit tal-kwoti tad-dħaħen, rapport għall-Kumitat għall-Ambjent minn Avril Doyle (PPE-DE, IE)

- Vot fil-Plenarja mistenni għal f'Diċembru

Pakkett għall-Klima parti 5: Sforzi konġunti għat-tnaqqis tad-dħaħen

Tgħid l-Unjoni ambizzjuża biżżejjed? F'Marzu 2007 l-Istati Membri sabu ftehim biex inaqqsu d-dħaħen b'20% sa 2020. Jekk il-ftehim ġdid globali jintlaħaq l-Unjoni trid tmur lil hinn, iġifieri għal tnaqqis ta' 30%. Il-Kummissjoni ppreżentat serje ta' proposti leġislattivi f'Jannar għal dan il-għan. Għal setturi mhux koperti mill-iskema ta' skambji ta' kwota bħat-trasport u l-bini dan il-pakkett iserraħ fuq sforz komun għat-tnaqqis ibbażat fuq il-prinċipju tas-solidarjetà bejn l-Istati Membri.

Kemm hu biżżejjed?

Skond Satu Hassi MPE Ħodor, l-Unjoni mhix ambizzjuża biżżejjed. "Il-proposta tal-Kummissjoni ma tirrispondix għas-statistiċi li juru li hemm bżonn ta' iktar sforzi iex il-klima ma tisħonx iktar minn 2 gradi Ċelsju."

Il-pajjiżi industrijalizzati għall-eċċezzjoni ta' l-Istati Uniti jirrekonoxxu li għandhom ċans inaqqsu t-tisħin tad-dinja sa inqas minn 2°C *billi jnaqqsu d-dħaħen tagħhom bi* 25-40%. Jekk nibdew bi tnaqqsi ta' 30% minflok 20% dan tajjeb għax jinkuraġġi lill-Istati Membri jinvestu f'infrastruttura li tkun kompatibbli mal-bżonnijiet tal-klima.

Ir-rapport tiegħu li ġie appoġġat fil-kumitat fis-7 t'Ottubru laqa' s-sistema ta' targits anzzjoanli ibbażati fuq il-prodott gross domestiku. Bi ħsieb ikun hemm iktar ċitazzjonijiet iktar għolja għal min ma jirrispettax it-targits nazzjonali. Dan jista' jammonta għal 100 ewro kull ton. Jekk l-Istati Membri ma jħallsux, il-permessi tagħha għall-iskambju tad-dħaħen jiġu maqtugħa. Oħrajn li ma jużawx il-kwoti tagħhom ikunu jistgħu ibigħu, jsellfu jew jittransferjaw il-kwoti lil Stat Membru ieħor. L-ieda ta' l-offsetting daħħlet ukolla; din tfisser li Stati Membri jistgħu jużaw proġetti fil-pajjiżi terzi taħt il-Mekkaniżmu ta' Żvilupp Nadif tan-Nazzjonijiet ŻUniti li jkun jammonts biss għal 8% mid-dħaħen ta' l-2005 matul il-perjodu 2013 sa 2020.

Nibbilinċjaw il-krediti tad-dijossidu karboniku mill-pajjiżi terzi

Skond Hassi l-proposta li nistgħu nibbilanċjaw id-dħaħen domestiċi bi 3% minn dawk mhux użati fil-pajjiżi terzi ma tagħmilx differenza. "Għall-pjaneta huma d-dħaħen kollha li jimpurtaw. Huwa ħażin li nemmnu li nistgħu nibbilanċjaw billi nieħdu minn x'imkien ieħor. Għaliex? Għax id-dħaħen għandhom jiġu mnaqqsa kullimkien. Jekk naċċettaw targits ambizzjużi dan jgħinna jiżviluppaw teknoloġija favur l-ambjent iktar malajr."

Qsim ta' l-isforzi biex inaqqsu d-dħaħen tad-dijossidu karboniku- rapport mtella' minn Satu Hassi (Ħodor/EFA, FI).

Stħarriġ jiżvela li 61% ħadu xi passi

After poverty, climate change is the most serious problem Europe faces. That is the result of a Eurobarometer survey presented in parliament on 11 September. It also found that a majority believe that we - the people, governments, industry or the European Union - are not doing enough about it. The survey also found that 61% of people had taken some personal measure to cut CO2. A quarter of those asked said they had altered their buying habits and used the car less to help the environment.
The survey of over 30,000 people in thirty European countries also found that 31% had not taken any measures to change their behaviour. Of those almost half believed that government and industry should take action whilst just over a third did not know what they should do.

Those who had taken action said they believed it would make a difference, that they had a duty to protect the environment or were concerned about what they would leave for future generations.

The results were presented at a press conference in the European Parliament by the Chair of parliament's Temporary Committee on Climate Change, Italian MEP Guido Sacconi. Europe's Environment Commissioner Stavros Dimas, and Commission Vice-President Margot Wallström also spoke about the findings.

Swedes first to change, Balts last

Across the continent Sweden is the country where most people have taken personal action to help reduce their C02 emissions with 87% of respondents citing action. This contrasts with 60% of people in Latvia and Lithuania who said they had taken no action whatsoever.
{}

Speaking at the press conference Mr Sacconi noted differences in attitudes in different countries. He said he thought it depended on whether the country had experienced an ecological disaster or not. Forest fires and droughts in Greece and Cyprus were cited by him as two examples where people's ecological awareness had been raised.

The environment and the economy

The stimulating effect that green industry could have on Europe's economy was one issue picked out by Stavros Dimas. He noted that 56% of those polled believed that climate change can help the economy. He noted that "saving energy means saving money, so there is a common logic that citizens consider it to be beneficial for economy".

He went on to say that "citizens have role to play both as consumers, by choosing to buy the right products, and as voters".

By the end of this year Europe's Environment Ministers meeting in the Council along with elected MEPs should reach an agreement on a package of Europe-wide legislation that will help mitigate climate change. Mr Dimas called on MEPs and the Council not to "dilute" the proposed measures.

The survey was conducted in all 27 EU members as well as the three candidate countries - Turkey, Croatia and the Former Yugoslav Republic of Macedonia.

Id-dar tiegħek - fejn tista' tagħmel differenza għall-bidla fil-klima

Id-djar jużaw 25% ta' l-enerġija ta' l-Unjoni u dan in-numru dejjem jikber. Huwa probabbli dan is-settur fejn iktar enerġija tista' tiġi salvata. Bit-temperaturi niżlin u l-ewwel xaqq tas-silġ f'ċerta pajjiżi l-użu ta' l-enerġija u s-sħana kif ukoll l-apparat elettriku fid-djar iqajjmu kwistjoni sħuna madwar l-Ewropa. Minn dan is-sajf il quddiem ħafna nies jistgħu jagħżlu l-fornituri tagħhom tal-gass u l-elettriku. Dan il-pass kien appoġġat mill-Membri.

Il-Parlament appoġġa l-liberalizżazzjoni minħabba li jemmnu li dan iwassal għal enerġija irħas u aħjar. Jidher li malajr u mingħajr ħafna spejjeż in-nies jisgħu isalvaw l-enerġija billi jirrenovaw fl-iżolazzjoni, il-ħġieġ b'żewġ saffi u bozoz tad-dawl effiċenti. Fl-2002 rapport dwar "l-Effiċenza ta' l-Enerġija fil-bini" appoġġat mill-Parlament u mtella' minn Aleja Vidal-Quadras (PPE-DE, ES) jissuġġerixxi li l-kont tal-konsum ta' l-ilma u tas-sħana għandu jaqbel ma' l-ammont ikkunsmat. Dan għaliex f'ċerta pajjiżi kbar u fi blokok ta' bini kbir il-kont jiġi stipulat fuq l-ammont ġenerali u mhux għal kull ras.

F'kelma waħda in-nies għandhom joqogħdu attendi dwar kemm enerġija qed jikkunsmaw. Fil-fatt din tista' tkun sostanzjali.

Kont taf li...?

- televiżjoni fuq "standby" xorta jkun qed juża 45% ta' l-elettriku
- li tagħmir elettriku fuq "standby" xorta juża 10% ta' l-enerġija fid-dar fl-Unjoni Ewropea.
- li meta wieħed iniżżel it-termostat b'1 °C biss dan ifisser li 7% tkun qed tiġi salvata.
- li l-ħasil tal-ħwejjeġ bi 30 °C minflok 40 °C, tuża 40% inqas enerġija u ġeneralment xorta effiċenti (skond il-Kumpanija Ingliża li tosserva kif l-enerġija tista' tiġi salvata.)
- meta nħallu ir-"re-chargers" tat-telefon fil-plugg 95% ta' l-enerġija tkun qed tinħela

Għidli iktar dwar ix-xelti l-ġodda tiegħi

Bħala riżultat tad-direttivi Ewropej, il-maġġor parti taċ-ċittadini Ewropej se jibbenefikaw mill-ftuħ tas-swieq ta' l-enerġija u l-fatt li jistgħu jagħżlu min jipprovdi l-elettriku u l-gass lilhom.

Dak li qed tipproponi l-Unjoni hija sistema ta' miżuri li jiżmontaw l-istrutturi monopoliċi u jisseparaw l-attivitajiet tal-produzzjoni u tal-provvista mill-operazzjonijiet tan-netwerk.

Ftit mill-għanjiet tad-direttiva huma li

- jassiguraw iktar trasparenza,
- li titjib il-kompetizzjoni bejn il-fornituri tas-servizzi
- Għalkemm il-konsumaturi mhumiex obbligari li jbiddlu l-fornituri ta' l-enerġija jista' jkun li din it-tip ta' bidla tista tirrendi offerta aħjar.

S'issa għadu kmieni wisq biex niskopru statistiċita' kemm djar biddlu l-fornituri tagħhom minħabba li d-direttiva ilha biss 5 xhur li daħħlet fis-seħħ.

Skond Alejo Vidal Quadras, rapporteur u Viċi-President tal-PE "*Ninsabu f'perjodu fejn hemm bżonn nagħmlu l-aħjar użu ta' l-enerġija u ċ-ċittadini jridu jbiddlu l-abitudnijiet tagħhom b'mod radikali fil-mod ta' kif jikkunsmaw l-enerġija. Dan isir biss jekk is-swieq huma verament miftuħa għall-kompetizzjoni...fejn iċ-ċittadini jkunu jistgħu jbiddlu l-fornituri tagħhom faċilment."*

It-tielet pakkett ta' l-enerġija tal-Kummissjoni jimmira għal iktar liberalizżazzjoni ta' l-enerġija u iktar drittijiet għaċ-ċittadini biex ibiddlu l-fornituri tagħhom. Se tittratta dwar żoni u pajiżżi fejn dan id-dritt għadu mhux implimentat.

u f'pajjiżek?

Il-website "Agathe Power" jinfurmak x'inhi s-sitwazzjoni f'pajjiżek